Emenda 50
Irene Montero, Ilaria Salis, Estrella Galán
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti
(2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt x

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(x) itennu l-kundanna qawwija tagħhom tal-gwerra ta' aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki tagħha fuq l-arkitettura globali tal-paċi u tas-sigurtà, inklużi l-istrumenti tal-KSNU; isostnu waqfien mill-ġlied totali biex tittaffa t-tbatija taċ-ċivili, u paċi komprensiva, ġusta u dejjiema għall-Ukrajna, inklużi garanziji ta' sigurtà sodi, ibbażati fuq il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, li jipprevjenu u jaġixxu minnufih kontra kwalunkwe aggressjoni mġedda, filwaqt li jiġi żgurat li min jikkommetti delitti tal-gwerra jkollu jagħti kont ta' għemilu u li t-tfal Ukreni maħtufa, iċ-ċivili impriġunati u l-priġunieri tal-gwerra jmorru lura f'pajjiżhom; jappoġġjaw lin-Nazzjonijiet Uniti biex jiġu identifikati mekkaniżmi ġuridiċi għall-mobilizzazzjoni tal-assi Russi ffriżati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna mingħajr ma jiġi impost piż finanzjarju fuq l-Istati Membri tal-UE; ifittxu l-kundanna ta' attakki ċibernetiċi fuq entitajiet u individwi ta' pajjiżi terzi mwettqa mir-Russja u l-alleati tagħha;	(x) itennu l-kundanna qawwija tagħhom tal-gwerra ta' aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki tagħha fuq l-arkitettura globali tal-paċi u tas-sigurtà, inklużi l-istrumenti tal-KSNU; isostnu waqfien mill-ġlied totali biex tittaffa t-tbatija taċ-ċivili, u paċi komprensiva, ġusta u dejjiema għall-Ukrajna, inklużi garanziji ta' sigurtà sodi, ibbażati fuq il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, li jipprevjenu u jaġixxu minnufih kontra kwalunkwe aggressjoni mġedda, filwaqt li jiġi żgurat li min jikkommetti delitti tal-gwerra jkollu jagħti kont ta' għemilu u li t-tfal Ukreni maħtufa, iċ-ċivili impriġunati u l-priġunieri tal-gwerra jmorru lura f'pajjiżhom; jappoġġjaw lin-Nazzjonijiet Uniti biex jiġu identifikati mekkaniżmi ġuridiċi għall-mobilizzazzjoni tal-assi Russi ffriżati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna mingħajr ma jiġi impost piż finanzjarju fuq l-Istati Membri tal-UE; ifittxu l-kundanna ta' attakki ċibernetiċi fuq entitajiet u individwi ta' pajjiżi terzi mwettqa mir-Russja u l-alleati tagħha; ***jenfasizzaw li r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna jenħtieġ li tkun orjentata prinċipalment lejn it-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi, tal-akkomodazzjoni, tal-assistenza fil-qasam tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-infrastrutturi ċivili, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza, il-parteċipazzjoni demokratika u l-ġlieda***

kontra l-korruzzjoni bħala kundizzjonijiet għal rikostruzzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 51
Irene Montero, Rudi Kennes, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Marc Botenga
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti
(2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt y

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(y) jenfasizzaw li r-reġjun tal-Artiku huwa żona ta' tensjoni ġeopolitika li qed tiżdied, imsawra mill-kompetizzjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-preżenza militari li qed tikber; jesprimu tħassib serju dwar is-sigurtà u l-attivitajiet strateġiċi destabbilizzanti tar-Russja fir-reġjun; jissottolinjaw l-importanza li jiġu rispettati s-sovranità u l-integrità territorjali tar-Renju tad-Danimarka u ta' Greenland u l-awtodeterminazzjoni tal-poplu ta' Greenland, filwaqt li jinnotaw l-oppożizzjoni qawwija tal-poplu ta' Greenland għal kwalunkwe tentattiv estern biex jinbidel dak l-istatus mingħajr ir-rieda u l-kunsens liberi tiegħu; jistiednu lill-UE u lis-sħab tagħha jappoġġjaw lid-Danimarka u lil Greenland fis-salvagwardja tal-istabbiltà tar-reġjun fid-dawl tal-pressjonijiet ġeopolitiċi esterni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar l-Artiku; jenfasizzaw il-ħtieġa għal fokus aktar b'saħħtu tal-UE u n-Nazzjonijiet Uniti fuq l-istabbiltà, id-djalogu kostruttiv u r-rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Affarijiet Artiċi;	(y) jenfasizzaw li r-reġjun tal-Artiku huwa żona ta' tensjoni ġeopolitika li qed tiżdied, imsawra mill-kompetizzjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-preżenza militari li qed tikber; jesprimu tħassib serju dwar is-sigurtà u l-attivitajiet strateġiċi destabbilizzanti tar-Russja fir-reġjun; jissottolinjaw l-importanza li jiġu rispettati s-sovranità u l-integrità territorjali tar-Renju tad-Danimarka u ta' Greenland u l-awtodeterminazzjoni tal-poplu ta' Greenland, filwaqt li jinnotaw l-oppożizzjoni qawwija tal-poplu ta' Greenland għal kwalunkwe tentattiv estern biex jinbidel dak l-istatus mingħajr ir-rieda u l-kunsens liberi tiegħu; jistiednu lill-UE u lis-sħab tagħha jappoġġjaw lid-Danimarka u lil Greenland fis-salvagwardja tal-istabbiltà tar-reġjun fid-dawl tal-pressjonijiet ġeopolitiċi esterni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar l-Artiku; jenfasizzaw il-ħtieġa għal fokus aktar b'saħħtu tal-UE u n-Nazzjonijiet Uniti fuq l-istabbiltà, id-djalogu kostruttiv u r-rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Affarijiet Artiċi; ***jirrifjutaw it-theddid tal-Istati Uniti rigward Greenland; jirrifjutaw kwalunkwe theddida, pressjoni jew rivendikazzjoni ta' akkwist territorjali li tkun inkompatibbli mal-Karta tan-Nazzjoni Uniti, b'mod partikolari jekk tikser il-prinċipju tal-projbizzjoni tat-***

theddid jew tal-użu tal-forza;

Or. en

Emenda 52
Danilo Della Valle, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Rima Hassan, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt aa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(aa) ***jesprimu tħassib serju dwar l-azzjonijiet militarji*** li ***għaddejjin fil-Lvant Nofsani***, ***inkluż ir-rwol destabbilizzanti*** li ***jiżvolġi l-Iran*** u ***l-organizzazzjonijiet terroristi*** ta' ***prokura tiegħu fir-reġjun***; ***jissottolinjaw*** li ***l-attakki mill-Istati*** Uniti u ***l-Iżrael qed jitwettqu barra mis-sistema multilaterali,*** li ***hija bbażata fuq regoli***; jesprimu solidarjetà sħiħa mal-poplu tal-Iran u jappoġġjawh, jikkundannaw bil-qawwa lir-reġim Iranjan għar-repressjoni vjolenti tal-protesti paċifiċi, il-qtil tal-massa, id-detenzjonijiet arbitrarji u l-eżekuzzjonijiet u jappellaw għall-istabbiliment ta' missjoni indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti ta' ġbir ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni sħiħa magħha bil-ħsieb li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur serju kollu tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali; jilqgħu l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2817 (2026) tal-KSNU, li tikkundanna bl-aktar mod qawwi u titlob il-waqfien immedjat tal-attakki tal-Iran kontra l-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Ġordan u l-Iraq; jikkundannaw, ukoll, l-attakki tal-Iran kontra Iżrael; jintensifikaw l-isforzi diplomatiċi fil-fora multilaterali u jfittxu	(aa) ***jikkundannaw l-attakki mill-Istati Uniti u minn Iżrael, li jikkostitwixxu ksur deliberat tad-dritt internazzjonali u qed jitwettqu barra mis-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli; jikkundannaw bil-qawwa l-attakki indiskriminati li qed jagħmlu l-forzi Iżraeljani kontra l-popolazzjoni u l-infrastrutturi ċivili, li jaf jikkostitwixxu delitti tal-gwerra skont id-dritt umanitarju internazzjonali; ifakkru fl-obbligu ta' Iżrael, bħala potenza okkupanti, li jirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, inklużi l-protezzjoni taċ-ċivili u l-projbizzjoni ta' kastig kollettiv, u jitolbu li dawk responsabbli mill-ksur kollu li sar jagħtu kont ta' għemilhom; jesprimu tħassib serju bin-numru għoli ta' tfal vittmi tal-attakki Iżraeljani fl-Iran; josservaw li, skont l-organizzazzjonijiet internazzjonali, mijiet ta' tfal inqatlu jew indarbu minn mindu beda l-kunflitt, fosthom 165 tifla tal-iskola fil-massakru ta' Minab ikkawżat minn attakk mill-ajru tal-Istati Uniti u mill-anqas 200 tifel u tifla fl-Iran biss; jesprimu tħassib serju dwar l-azzjonijiet militari li għaddejjin fil-Lvant Nofsani inkluż ir-rwol destabbilizzanti** li ***jiżvolġi l-Iran u l-organizzazzjonijiet terroristi ta' prokura tiegħu fir-reġjun***; jesprimu solidarjetà sħiħa mal-poplu tal-Iran u jappoġġjawh,

kooperazzjoni eqreb mas-sħab tal-UE fir-reġjun biex jiġu promossi t-tnaqqis tat-tensjonijiet, ir-rikostruzzjoni, djalogu sinifikanti u stabbiltà reġjonali sostenibbli f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji tan-NU; jikkunsidraw it-tisħiħ tal-istrutturi tal-istat Libaniż hekk kif huma kruċjali għall-istabbiltà;

jikkundannaw bil-qawwa lir-reġim Iranjan għar-repressjoni vjolenti tal-protesti paċifiċi, il-qtil tal-massa, id-detenzjonijiet arbitrarji u l-eżekuzzjonijiet u jappellaw għall-istabbiliment ta' missjoni indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti ta' ġbir ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni sħiħa magħha bil-ħsieb li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur serju kollu tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali; jilqgħu l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni 2817 (2026) tal-KSNU, li tikkundanna bl-aktar mod qawwi u titlob il-waqfien immedjat tal-attakki tal-Iran kontra l-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Ġordan u l-Iraq; jikkundannaw, ukoll, l-attakki tal-Iran kontra Iżrael; jintensifikaw l-isforzi diplomatiċi fil-fora multilaterali u jfittxu kooperazzjoni eqreb mas-sħab tal-UE fir-reġjun biex jiġu promossi t-tnaqqis tat-tensjonijiet, ir-rikostruzzjoni, djalogu sinifikanti u stabbiltà reġjonali sostenibbli f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji tan-NU; jikkunsidraw it-tisħiħ tal-istrutturi tal-Istat Libaniż hekk kif huma kruċjali għall-istabbiltà; ***jistiednu lill-partijiet kollha jidħlu fi sforzi diplomatiċi ġenwini fl-ambitu tal-oqfsa multilaterali, li l-għan tagħhom huma t-taffija tat-tensjonijiet, ir-rikostruzzjoni u l-promozzjoni ta' arkitettura ta' sigurtà reġjonali sostenibbli, abbażi tad-dritt internazzjonali u tar-rispett reċiproku; jenfasizzaw li l-istabbiltà fit-tul fil-Lvant Nofsani ma tistax tinlaħaq permezz tal-koerċizzjoni militari, iżda tirrikjedi djalogu inklużiv u r-rispett tan-normi ġuridiċi;***

Or. en

Emenda 53
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Hanna Gedin, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt aaa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(aaa) jikkundannaw bil-qawwa l-attakki kontra beni ċivili, inklużi l-iskejjel u ż-żoni residenzjali, li kkawżaw il-mewt ta' tfal u jaf jikkostitwixxu ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali; ifakkru li l-projbizzjoni li timmira lejn beni ċivili hija wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-dritt umanitarju internazzjonali, ifakkru wkoll li t-tfal għandhom dritt għal protezzjoni speċjali skont id-dritt internazzjonali u jitolbu obbligu ta' rendikont sħiħ għall-ksur kollu li sar fil-konfront tagħhom;

Or. en

Emenda 54
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Ilaria Salis, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Irene Montero
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt ab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(ab) jieħdu nota tar-Riżoluzzjoni 2803 tal-KSNU tas-17 ta' Novembru 2025 dwar il-Pjan Komprensiv biex jintemm il-Kunflitt ta' Gaża bħala pass lejn djalogu msaħħaħ u bini tal-fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u perkors kredibbli lejn soluzzjoni ta' żewġ stati; jissottolinjaw l-importanza li jiġu esplorati aktar sinerġiji u kooperazzjoni bejn kwalunkwe mekkaniżmu ġdid u strutturi internazzjonali eżistenti ta' paċi u sigurtà skont il-Karta tan-NU; jaħdmu b'mod attiv mal-Istati Membri biex jinkiseb waqfien mill-ġlied permanenti li jiġi implimentat u rispettat b'mod effettiv kif ukoll it-twettiq sħiħ ta' soluzzjoni ta' żewġ stati; jikkundannaw il-ksur kollu tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi d-delitti tal-gwerra;	(ab) jieħdu nota tar-riżoluzzjoni 2803 tal-KSNU tas-17 ta' Novembru 2025 dwar il-Pjan Komprensiv biex jintemm il-Kunflitt ta' Gaża bħala pass lejn djalogu msaħħaħ u bini tal-fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u perkors kredibbli lejn soluzzjoni ta' żewġ Stati; jissottolinjaw l-importanza li jiġu esplorati aktar sinerġiji u kooperazzjoni bejn kwalunkwe mekkaniżmu ġdid u strutturi internazzjonali eżistenti ta' paċi u sigurtà skont il-Karta tan-NU; jaħdmu b'mod attiv mal-Istati Membri biex jinkiseb waqfien mill-ġlied permanenti li jiġi implimentat u rispettat b'mod effettiv kif ukoll it-twettiq sħiħ ta' soluzzjoni ta' żewġ Stati; jikkundannaw il-ksur kollu tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi d-delitti tal-gwerra ***kommessi minn Iżrael; iqisu li Iżrael issa wera bl-aktar mod ċar li qiegħed jikser bosta regoli u obbligi fl-ambitu tad-dritt internazzjonali u naqas b'mod gravi milli jipprevjeni d-delitt ta' ġenoċidju f'diżrispett sfaċċat tad-digrieti tal-QIĠ;***

Or. en

Emenda 55
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Danilo Della Valle, Hanna Gedin, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Estrella Galán, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt aba (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(aba) jikkundannaw in-numru bla preċedent ta' mwiet u feruti fost iċ-ċivili, l-ispostament fuq skala kbira tal-popolazzjoni u l-qerda sistematika ta' sptarijiet u faċilitajiet mediċi f'Gaża minn Iżrael; jiddenunzjaw ukoll l-imblokk tal-għajnuna umanitarja implimentat minn Iżrael, li jaf jitqies bħala metodu tal-gwerra bit-tir li l-popolazzjoni titħalla bil-ġuħ; jikkundannaw il-proposta tal-"liġi dwar il-piena tal-mewt" f'Iżrael, immirata lejn il-Palestinjani; iqisu li Iżrael issa wera bl-aktar mod ċar li qiegħed jikser bosta regoli u obbligi fl-ambitu tad-dritt internazzjonali u tal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael[1a] u naqas milli jipprevjeni d-delitt ta' ġenoċidju, f'diżrispett tad-digrieti tal-QIĠ; jissospendu, b'konsegwenza ta' hekk, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael;

[1a] Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra (ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internatio

n/2000/384/oj).

Or. en

Emenda 56
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Hanna Gedin, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Estrella Galán, João Oliveira, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero, Danilo Della Valle
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt abb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(abb) jissospendu l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael u jikkunsidraw mill-ġdid iż-żamma min-naħa tal-UE ta' ftehim li jikkontribwixxi għal-leġittimazzjoni u għall-finanzjament ta' Stat li jikkommetti delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra;

Or. en

Emenda 57
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Hanna Gedin, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, João Oliveira, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero, Danilo Della Valle
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt -abc (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(abc) jitolbu li jieqfu l-esportazzjonijiet kollha ta' armi, f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK[1a] u mal-obbligi li jirriżultaw skont l-Artikoli I u III(e) tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, billi tali armi jintużaw biex jiġu kommessi delitti tal-gwerra; jisħqu fuq il-fatt li, jekk dawn it-trasferimenti ma jiqfux, hemm riskju serju ta' kompliċità fid-delitti tal-gwerra u fil-ġenoċidju;

[1a] Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

Or. en

Emenda 58
Rima Hassan, Anthony Smith, Emma Fourreau, Manon Aubry, Hanna Gedin, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Marc Botenga, Damien Carême, Leila Chaibi, Giorgos Georgiou, Irene Montero, Danilo Della Valle
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt -abd (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(abd) jikkundannaw bil-qawwa l-attakki ripetuti tal-forzi Iżraeljani kontra l-pożizzjonijiet, il-persunal u t-tagħmir tal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL) fin-Nofsinhar tal-Libanu, inklużi t-tiri diretti, il-ksur ta' pożizzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti minn karrijiet armati Iżraeljani, il-fatt li mill-anqas ħames suldati taż-żamma tal-paċi ndarbu u li mill-anqas wieħed minnhom inqatel; ifakkru li s-suldati taż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-bini tan-Nazzjonijiet Uniti ma għandhom qatt jiġu fil-mira u li tali attakki jaf jikkostitwixxu delitti tal-gwerra skont id-dritt internazzjonali; jitolbu li dawk responsabbli jagħtu kont sħiħ ta' għemilhom u li s-sikurezza, is-sigurtà u l-libertà ta' moviment tal-UNIFIL jiġu garantiti b'mod sħiħ;

Or. en

Emenda 59
Danilo Della Valle, Rudi Kennes, Lynn Boylan, Konstantinos Arvanitis, Ilaria Salis, Marc Botenga, Giorgos Georgiou, Irene Montero
f'isem il-Grupp The Left

Rapport **A10-0103/2026**
Andrey Kovatchev
Rakkomandazzjoni dwar il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2025/2167(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt -abe (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(abe) jesprimu tħassib kbir bir-reazzjoni limitata tal-UE meta indirizzat u ssanzjonat l-allegat ksur sistematiku tad-dritt umanitarju internazzjonali min-naħa ta' Iżrael f'Gaża u fix-Xatt tal-Punent, inkluż l-użu sproporzjonat tal-forza, l-espansjoni tal-insedjamenti u r-restrizzjonijiet umanitarji; josservaw l-inkonsistenza mal-miżuri adottati f'sitwazzjonijiet oħra paragunabbli; iqisu li jittieħdu miżuri xierqa u proporzjonati, fosthom is-sospensjoni immedjata tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, bi qbil mal-Artikolu 2 tat-TUE u mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, bil-għan li jiġu żgurati l-koerenza u l-kredibbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE;

Or. en